# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 77/10/1 JVC**

**James Buttigieg u John Paul Azzopardi fil-kapaċita` tagħhom ta' President u Segretarju rispettivament ta' l-Għaqda Filarmonika Mnarja u b'nota tal-10 ta' Dicembru 2010 John Xuereb assuma l-atti tal-kawża minflok John Paul Azzopardi peress illi ssuċċieda bħala Segretarju tal-Għaqda attriċi**

**v.**

**Dottor Michael Caruana u Joseph Apap, fil-kapaċita` tagħhom ta' President u Segretarju rispettivament tas-Soċjeta` Filarmonika Leone**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-attriċi kif ukoll tal-konvenuta minn sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-12 ta' Lulju 2016 dwar drittijiet fuq il-marċ "*Bonnici Brothers*" *sive* "*10th Anniversary*" *sive* "*Letter A*" li nkiteb mill-Mro. Joseph Sammut.

2. Il-kawża bdiet b'rikors maħluf preżentat fit-30 ta' Settembru, 2010 permezz ta' liema l-attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:

> *"Illi r-rikorrenti kienu akkwistaw id-drittijiet kollha relattivament ghall-marc brijuz "Bonnici Brothers" sive "10th Anniversary" sive "Letter A" ghal gewwa t-territorju ta' Ghawdex (b'eccezzjoni unika ghall-Festa ta' San Gorg, Rabat, Ghawdex) bi ftehim ta' akkwist konkluz mal-awtur il-Maestro Joseph Sammut fid-29 ta' Jannar 1992, kopja annessa u mmarkata bhala Dok A;*
>
> *Illi permezz ta' din l-istess skrittura mmarkata Dok. A, is-Surmast Joseph Sammut biegh u ttrasferixxa l-uzu esklussiv gewwa Ghawdex lill-istess Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur ta' dan il-marc maghruf bhala "Marc Letter A" bl-uniku kundizzjoni esplicita illi dan il-marc ma jindaqqx fil-festa ta' San Gorg tar-Rabat, Ghawdex;*
>
> *Illi s-socjeta' konvenuta llum, cioe' tmintax-il sena wara l-iskrittura privata su-riferita, qed tallega li l-istess Surmast Joseph Sammut ghamel donazzjoni lilhom ta' l-istess marc maghruf bhala "Letter A";*
>
> *Illi t-titolu relattiv spettanti lir-rikorrenti huwa precedenti dak vantat mis-socjeta' konvenuta b'ben tmintax-il sena, illi matulhom is-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni u ma ddeduciet ebda pretensjoni gudizzjarja relattiva ghall-istess;*
>
> *Illi s-socjeta' konvenuta qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha fuq allegat "titolu" moghti mill-Maestro Joseph Sammut, li se mai, kien hekk moghti ben tmintax-il sena wara illi l-istess Maestro Joseph Sammut kien biegh (u mhux sempliciment iddona) id-drittijiet ta' dan l-istess marc specifiku f'Ghawdex lir-rikorrenti. Mhux hekk biss, izda dan ghamlu fl-1992 b'mod illi esplicitament intrabat illi ma jghaddix dan il-marc lill-ebda persuna ohra f'Ghawdex.*
>
> *Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-*
>
> *1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-titolu ghall-marc brijuz "Bonnici Brothers" sive "10th Anniversary" sive "Letter A" gie mibjugh u trasferit lill-Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur, permezz ta' skrittura privata bejn l-istess Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur u l-Maestro Joseph Sammut fid-29 ta' Jannar 1992;*
>
> *2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' Filarmonika Leone ma tgawdi ebda drittijiet fuq l-istess marc brijuz "Bonnici Brothers" sive "10th Anniversary" sive "Letter A".*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu 2010, li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

3. Il-konvenuta wieġbet:[1]

*"1. Illi s-socjeta' intimata* (recte, attriċi) *m'ghandha l-ebda nteress guridiku biex tattakka l-kuntratt tal-hamsa (5) ta' Gunju 2010 (Dok JA1) in atti tan-Nutar Anthony Hili li sar bejn is-socjeta' Filarmonika Leone u s-Surmast Sammut stante li hija ma kinitx parti fuq dak il-kuntratt;*

*2. Illi fit-tieni lok irid jingab l-original tad-dokument tal-ftehim tad-29 ta' Jannar 1992 (Dokument A anness mar-rikors guramentat) stante li l-kopja pprezentata mhix originali u lanqas m'hi awtentikata bhala vera kopja tal-original;*

*3. Illi s-socjeta' intimata ilha fil-pussess ta' dan il-marc in buona fede, b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghall-perjodu ta' aktar minn tletin (30) sena. Dan ghar-raguni li kellha l-partitura originali tal-marc u ilha ddoqq dan il-marc b'mod regolari u fil-pubbliku sa mill-elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) fil-festa ta' Santa Marija organizzata minnha stess kif wkoll f'festi ohra f'Malta u Ghawdex. Is-socjeta' kompliet taghmel hekk ukoll wara d-data tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 1992, wara li dan il-marc allegatament gie akkwistat mis-socjeta' rikorrenti, u l-istess socjeta' rikorrenti qatt ma opponiet jew b'xi mod iehor ippruvat twaqqaf lis-socjeta' intimata milli ddoqq dan il-marc wara l-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992), dan skont kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u ghalhekk fuq naha hija akkwistat id-drittijiet ta' l-awtur fuq dan il-marc bil-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali, u fuq in-naha l-ohra kull dritt illi talvolta kien jispetta lil xi terza persuna kwalsiasi illi tipprova tipprojbixxi lilha milli ddoqq dan il-marc intilef bil-preskrizzjoni trentennali, u dan fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili;*

*4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-marc "Bonnici Brothers" sive "10th Anniversary" sive "Letter A" kien gie mghoddi lis-Socjeta' Filarmonika Leone mis-Surmast Sammut fl-elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) fiz-zmien meta s-Surmast Sammut kien impjegat tas-Socjeta' Filarmonika Leone u dan skont kif ikkonferma l-istess Surmast Sammut f'affidavit maghmul minnu fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena 2010, li kopja tieghu giet annessa u pprezentata bhala Dok JA 2. Il-kuntratt pubbliku li sar fil-hamsa (5) ta' Gunju 2010 sempliciment ikkristallizza l-ghotja li kienet saret mis-Surmast Sammut fl-1968. Isegwi ghalhekk li l-istess Surmast Sammut ma seta' qatt jittrasferixxi l-proprjeta' ta' dan il-marc lis-socjeta'*

[1] Fol. 13 *et seq*.

*Filarmonika Mnarja fl-1992 u l-iskrittura tal-1992, jekk kellha xi effett, kien li limitatament taghti fakolta' lis-socjeta' attrici sabiex hija ddoqq dan il-marc;*

*5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-pura grazzja tal-argument wiehed kellu jikkoncedi li s-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja tal-marc in kwistjoni u per konsegwenza tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marc, tali drittijiet tal-awtur ma jipprekludux lis-socjeta' intimata milli ddoqq dan il-marc fil-pubbliku. Dan ghar-raguni li fit-termini tal-artikolu 9(1)(g) tal-Kap 415, id-drittijiet tal-awtur ma jinkludux il-projbizzjoni tat-twettiq, daqq jew wiri ta' xoghol f'post fejn ma jithallas ebda dritt ta' dhul ghal dan l-att minn xi club li l-iskop tieghu ma jkunx li jaghmel qligh;*

*6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*7. B'referenza ghall-paragrafi tar-rikors guramentat, l-esponenti jirrilevaw li dawn huma lkoll kontestati ghar-ragunijiet premessi."*

4. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru 2011, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, iddeċidiet il-każ billi:

*"1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;*
*2. Tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;*
*3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;*
*4. Tilqa' r-raba' eccezzjoni fejn qed issostni li t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u tichad it-talbiet attrici inkwantu rrizulta li l-Ghaqda Filarmonika Mnarja permezz ta' l-iskrittura tad-29 ta' Jannar 1992 akkwistat biss id-dritt li ddoqq l-istess marc izda mhux id-drittijiet ta' l-awtur;*
*5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.*

*L-ispejjez ghandhom jigu sopportati inkwantu ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet mis-socjeta' konvenuta u l-kumplament mis-socjeta' attrici."*

5. L-attriċi appellat mis-sentenza. Imbagħad b'sentenza tad-29 ta' Mejju 2015, din il-Qorti ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Settembru 2011 u bagħtet l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar

it-talbiet tal-attriċi wara li tqis it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

6. Fit-28 ta' Awwissu 2015 il-konvenuta ppreżentat rikors għar-ritrattazzjoni tas-sentenza tad-29 ta' Mejju 2015 abbażi tal-Artikolu 811(i), (g) u (e) tal-Kap. 12 minħabba allegati disposizzjonijiet konfliġġenti, *ultra petita* u applikazzjoni ħażina tal-liġi;

7. B'sentenza tat-8 ta' Marzu 2016 din il-Qorti ddeċidiet illi mhux possibbli li jkollok ritrattazzjoni wara sentenza *in parte* u ddikjarat li t-talba hi nulla;

8. B'sentenza tat-12 ta' Lulju 2016 l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

> *"1. Tikkonferma c-cahda tal-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;*
>
> *2. Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara illi t-titolu ghall-marc brijuz 'Bonnici Brothers' sive '10th Anniversary' sive 'Letter A' gie mibjugh u trasferit lill-Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur, permezz ta' skrittura privata bejn l-istess Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur u l-Maestro Joseph Sammut fid-29 ta' Jannar 1992 limitatament izda ghall-Gzira ta' Ghawdex u bil-kundizzjoni izda li dan ma jistax jindaqq fil-festa ta' San Gorg, f'Ghawdex;*
>
> *3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens limitat li tiddikjara li l-istess socjeta' konvenuta akkwistat permezz tal-preskrizzjoni akkwisittiva d-dritt li ddoqq il-marc brijuz 'Bonnici Brothers' sive '10th Anniversary' sive 'Letter A' filwaqt li s-socjeta' attrici tilfet permezz tal-preskrizzjoni estintiva l-jedd li twaqqaf lis-socjeta' konvenuta milli ddoqq il-marc brijuz 'Bonnici Brothers' sive '10th Anniversary' sive 'Letter A'. Konsegwentement tichad it-tieni talba attrici.*

> *4. Tichad l-eccezzjonijiet rimanenti.*
>
> *Fic-cirkustanzi l-ispejjez kollha salv dawk gia decizi, ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet."*

9. L-attriċi appellat minn dik is-sentenza u lmentat illi: (i) is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2016 hija *ultra petita*; u li (ii) l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tiġi miċħuda. Għaldaqstant, talbet lil din il-Qorti sabiex tħassarha fil-parti fejn laqgħet it-tielet eċċezzjoni u ddikjarat li l-konvenuta akkwistat bil-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena l-jedd li ddoqq il-marċ "Letter A" filwaqt li l-attriċi tilfet bit-trapass ta' tletin sena l-jedd ta' azzjoni sabiex twaqqaf lill-konvenuta milli ddoqq dak il-marċ.

10. Filwaqt li s-soċjeta` appellata wieġbet li l-Qorti għandha tiċħad l-appell ipproponiet appell inċidentali minħabba li ssostni li l-ewwel Qorti għamlet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(1)(g) tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415).

<u>Appell tal-attriċi.</u>

11. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-attriċi tilmenta li s-sentenza hi *ultra petita* għaliex ma ddeċidietx biss dwar il-preskrizzjoni akkwiżittiva tad-drittijiet tal-awtur tal-marċ in kwistjoni, kif espressament mitluba tagħmel, iżda ddeċidiet ukoll fuq il-punt dwar jekk kienx hemm preskrizzjoni akwiżittiva għar-rigward tad-dritt li l-marċ jindaqq. Tilmenta li t-tielet

eċċezzjoni għandha tinqara *in toto* bħala eċċezzjoni waħda u li kieku s-soċjeta` konvenuta riedet tqajjem żewġ eċċezzjonijiet separati hija kienet tagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

12. Il-konvenuta argumentat li l-Qorti għandha tiċħad l-ewwel aggravju għaliex mhux ċar jekk hux ibbażat fuq l-*ultra petita* jew l-*extra petita.* Bla ħsara għal dan twieġeb ukoll illi m'huwiex minnu li l-ewwel Qorti ddeċidiet fuq punt li ma kienx kontenut fl-eċċezzjoni relattiva għall-preskrizzjoni. Tgħid li fit-tielet eċċezzjoni tagħha tirreferi b'mod ċar għall-fatt li hija akkwistat id-dritt li ddoqq il-marċ in kwistjoni bis-saħħa tal-preskrizzjoni akwiżittiva trentennali. Issostni li f'kull każ *il piu comprende il meno* stante li d-drittijiet ta' awtur fuq xogħol mużikali minnhom nfushom jinkludu wkoll id-dritt ta' eżekuzzjoni jew daqq ta' dak ix-xogħol mużikali. Tisħaq li f'kull każ għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' ekwipollenza tenut kont tal-fatt illi: (i) il-preskrizzjoni li fuqha ddeċidiet l-ewwel Qorti hija bbażata fuq l-istess artikolu li ġie ċitat b' mod speċifiku fit-tielet eċċezzjoni, ossija l-Artikolu 2143 tal-Kap. 16; (ii) il-fatt li l-marċ in kwistjoni ilu jindaqq minnha għal snin twal tirriżulta ampjament mill-provi prodotti; u (iii) fl-istess eċċezzjoni hemm aċċenn għall-fatt li hija akkwistat id-dritt li ddoqq dan il-marċ bis-saħħa tal-istess preskrizzjoni. Finalment u bla ħsara għas-suespost, tikkontendi li f'kull każ l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata wkoll fl-appell u għalhekk qiegħda tagħti s-segwenti bħala eċċezzjoni formali f'dan l-istadju:

*"hija akkwistat id-dritt li ddoqq il-marċ "Bonnici Brothers" sive "10th Anniversary" sive "Letter A" bil-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali għaliex ilha fil-pussess ta' dan il-marċ in buona fede, b' mod kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku għal perjodu ta' aktar minn tletin (30) sena a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Per konsegwenza, kull dritt li talvolta kien jispetta lil xi terza persuna kwalsiasi illi tipprojbixxi lis-soċjetà esponenti milli ddoqq dan il-marċ intilef bil-preskrizzjoni trentennali. Dan dejjem fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta."*

13. Hu fatt li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem fi stadju ta' appell.[2]

14. L-arġument li sar fl-ewwel aggravju sar ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-attriċi ppreżentat fl-ewwel Qorti. Fis-sentenza appellata jingħad:

*"Illi f'dan ir-rigward, is-socjeta' konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha jidher li tqajjem iz-zewg argumenti f'daqqa fis-sens illi tinsisti li hija kienet qed tippossjedi l-marc bhala taghha izda fl-istess hin tinsisti fuq id-dritt li ddoqqu. Fit-trattazzjoni orali izda Dr. Jean Paul Grech uza l-argument illi fit-tielet eccezzjoni 'il piu' comprende l-meno' u cioe' li jekk ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta ppreskriviet favur taghha id-dritt tal-awtur, zgur illi ppreskriviet favur taghha d-dritt li ddoqq il-marc in kwistjoni.*

*Illi l-Qorti gharblet sew il-kliem uzat fit-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li hija eccezzjoni pjuttost twila. Rat illi ghalkemm verament issemmew il-kliem illi s-socjeta' esponenti 'akkwistat id- drittijiet tal-awtur', aktar qabel fl-istess eccezzjoni jissemma' b'mod car ukoll id-daqq tal-marc in kwistjoni b'mod regolari sa mis-sena 1968 u huwa biss fl-ahhar linja, b'sentenza separata, tal-eccezzjoni li jissemma' d-dritt tal-awtur. Il-Qorti wara li rat ukoll li l-artikolu 2143 mhux limitat ghal drittijiet reali u huwa pjuttost wiesa' ghal dak li huma azzjonijiet koperti minnu kif ukoll wara li rat illi dan l-artikolu huwa specifikatament imsemmi fl-eccezzjoni u l-ebda parti minnu ma giet eskluza, tqis li l-argumentazzjoni tas-socjeta' attrici li l- eccezzjoni ghandha tapplika biss ghad-drittijiet tal-awtur u mhux ghad-dritt li jindaqq il-marc mihijiex fondata".*

[2] Art 2122 tal-Kap. 16.

15. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-pretensjonijiet tal-attriċi f'din il-kawża huma tnejn. L-ewwel waħda li l-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li t-titolu għall-marċ *"Letter A"* inbigħ lilha b'skrittura ffirmata bejn l-attriċi u l-Mro. Joseph Sammut fid-29 ta' Jannar 1992. It-tieni talba hi sabiex il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta` appellata ma tgawdi ebda drittijiet fuq l-istess marċ.

16. L-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba li l-marċ ġie trasferit lill-attriċi bl-iskrittura tad-29 ta' Jannar 1992, *"limitament iżda għal Gżira ta' Għawdex u bil-kundizzjoni iżda li dan ma jistax jindaqq fil-festa ta' San Ġorġ, f'Għawdex"*. Imbagħad laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta biss fis-sens li akkwistat bil-preskrizzjoni akkwiżittiva l-jedd li ddoqq il-marċ filwaqt li l-attriċi tilfet *"..... permezz tal-preskrizzjoni estintiva l-jedd li twaqqaf lis-soċjeta` konvenuta milli ddoqq il-marċ brijuż....... Konsegwentement tiċħad it-tieni talba attriċi"*.

17. Fit-tielet eċċezzjoni d-difiża tal-konvenuta kienet fis-sens li akkwistat id-drittijiet tal-awtur (*copyright*) fuq il-marċ 'Bonnici Brothers' permezz tal-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin (30) sena, u dan minħabba li fil-pussess tagħha għandha *'l-partitura oriġinali'* u ilha ddoqq il-marċ sa mis-sena 1968. Hu minnu li fl-eċċezzjoni jissemma li l-konvenuta kienet ilha ddoqq il-marċ sa mis-sena 1968, pero` dak b'referenza għall-akkwist tad-drittijiet tal-awtur (*copyright*) permezz tal-

preskrizzjoni akkwiżittiva. Drittijiet li jinkludu l-awtorizazzjoni u li tipprojbixxi l-għemil f'Malta tal-esekuzzjoni fil-pubbliku tax-xogħol mużikali (ara Artikolu 7 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, Kap. 415).

18. M'hemmx dubju li l-konvenuta m'akkwistatx id-drittijiet tal-awtur (*copyright*) fuq il-marċ. Dwar dan kien hemm diġa` s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015 li qalet:

> *"9. Wara li qieset sew dak li jgħidu l-partijiet u dak li tgħid il-kitba tad-29 ta' Jannar 1992, din il-qorti ma tistax ma taqbilx mal-attriċi illi l-ħsieb illi joħroġ mill-ftehim huwa ċar, u ma jista' jfisser xejn ħlief illi l-attriċi kienet qiegħda tikseb il-jeddijiet kollha fuq il-kompożizzjoni ħlief dawk li espressament kienu esklużi.*
>
> *..........*
>
> *10. Il-kelma 'bejgħ' fit-tifsira normali u populari tagħha – u li, meta tqis illi l- kitba ma saritx minn professjonista legali, kienet ċertament it-tifsira li kellhom f'moħħhom il-partijiet – timplika illi l-bejjigħ qiegħed igħaddi lix- xerrej il-jeddijiet kollha tiegħu fuq il-ħaġa mibjugħa.......*
>
> *12. Il-fatt ukoll illi l-awtur żamm xi drittijiet fuq il-kompożizzjoni tiegħu ma jfissirx illi dawk id-drittijiet li ma żammx ma għaddihomx lill-attriċi. Dak li ma ġiex eskluż huwa inkluż: la 'nbigħ' il-marċ, id-drittijiet kollha relativi ħlief dawk espressament esklużi 'nbigħu' miegħu għax accessorium sequitur principale. Għalhekk l-argument tal-konvenuta illi wara l-1992 l-awtur reġa' bigħ il-marċ lill-baned ta' Marsaxlokk jew Marsaskala u Ħal Qormi – żewġ baned f'Malta – ma hux inkompatibbli mal-premess".*

19. Inoltre, fin-nota ta' sottomissjonijiet stess li ppreżentat fis-6 ta' Ġunju 2011 għamlitha ċara li l-jedd li tippretendi hu li, *"..... iddoqq dan il-marċ ferm qabel is-Soċjeta` Filarmonika Mnarja"*. Fil-fatt għamlet ukoll referenza għal dak li xehed il-Mro. Sammut:

*"Fis-sixty eight (68) meta jien tajt il-marċ lill-Banda Leone Għawdex, jiena ma tajthomx il-proprjeta jew aħjar il-copyright tal-marċ, imma tajthom id-dritt illi jdoqqu l-marċ".*

20. Madankollu l-aħħar parti tal-eċċezzjoni taqra hekk:

*"..... u fuq in-naħa l-oħra kull dritt illi talvolta kien jispetta lil xi terza persuna kwalsiasi illi tipprova tipprojbixxi lilha milli ddoqq dan il-marċ intilef bil-preskrizzjoni trentennali, u dan fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili".*

21. Ovvjament ikun intilef id-dritt li tipprojbixxi d-daqq tal-marċ għaliex il-konvenuta tippretendi li akkwistat dak il-jedd bit-trapass taż-żmien. Argument sussidjarju għal dak prinċipali li l-konvenuta akkwistat id-drittijiet tal-awtur bil-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin (30) sena. Għaldaqstant, l-attriċi m'għandhiex raġun tilmenta li dak deċiż fit-tielet paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza hu *ultra petita jew extra petita*.

22. It-tieni aggravju jitratta dwar il-meritu tal-eċċezzjoni dwar l-akkwist tal-jedd li ddoqq il-marċ 'Letter A' permezz tal-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin (30) sena.

23. Dwar il-preskrizzjoni akkwiżittiva l-ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"Illi fil-mertu, dwar il-kwistjoni jekk is-socjeta' konvenuta akkwistatx id-dritt tal-awtur permezz tal-preskrizzjoni akwisittiva, din il-Qorti tista' mill-ewwel telimina din il-possibilita' in vista tax-xhieda nekwivoka tar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta (gia kkwotata fil-fatti aktar 'il fuq) illi sa qabel sar il-kuntratt fis-sena 2010 mal-Maestro Sammut is-socjeta' konvenuta kellha biss id-dritt li ddoqq il-marc u xejn aktar. In*

*vista ta' ammissjoni carissima u nvekwivoka da parti tal-istess socjeta' konvenuta u r-rapprezentanti taghha li sas-sena 2010 kien hemm biss id-dritt li dan jindaqq, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ma akkwistatx id-drittijiet tal-awtur fuq il-marc 'Letter A' bil-preskrizzjoni akwisittiva.*

*Illi tibqa' izda l-kwistjoni dwar jekk is-socjeta' konvenuta akkwistatx id-dritt li ddoqq il-marc in kwistjoni permezz tal-preskrizzjoni trentennali akwisittiva ... ghalkemm mill-atti jidher li s-socjeta' konvenuta ma kinitx qed tippossjedi l-partitura tal-marc in kwistjoni sa mis-sena 1968 bl-animu li l-marc per se kien proprjeta' taghha u dan fi kliem ir-rapprezentati taghha stess, jirrizulta mill-atti u ndubbjament li s-socjeta' konvenuta kienet qed tipposjedi l-partitura tal-marc bl-animu li tista' liberament iddoqq dan il-marc ...*

*...*

*... Ix-xhieda fl-atti ... ikkonfermaw li dan il-marc baqa' jindaqq mill-Banda Leone, kull sena, ghal diversi drabi fit-tlitt ijiem tal-festa. Dan il-fatt ma gie bl-ebda mod kontestat. ...*

*In oltre r-rapprezentant tas-socjeta' attrici Joseph Buttigieg sostna fix-xhieda tieghu ... li sas-sena 2010 is-socjeta' attrici qatt ma qalghet l-ebda argument dwar dan il-marc mas-socjeta' konvenuta, wisq anqas gie pprezentat xi prova ta' att li skont il-ligi seta' jwaqqaf il-preskrizzjoni akwizittiva favur is-socjeta' konvenuta. L-istess Maestro Sammut ukoll ikkonferma li fis-sena 1992, meta ffirma mas-socjeta' attrici, li huwa ma kellu l-ebda ntenzjoni li jwaqqaf lis-socjeta' konvenuta milli ddoqq il-marc in kwisjtoni. Il-Qorti ghalhekk, tqis li dawn il-fatti kollha kif anki ahjar esposti taht is-sezzjoni tal-fatti aktar 'il fuq u li qed taghmel taghha ai fini ta' din l-eccezzjoni, jissodisfaw l-elementi tal-pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku da parti tas-socjeta' konvenuta tad-dritt li ddoq il-marc in kwistjoni kif rikjesti mil-ligi.*

*Dwar il-perjodu, jirrizulta li dan il-pussess ilu minn Mejju tas-sena 1968 (cioe' meta skont ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta l-partitura originali ghaddiet ghand l-istess socjeta' u ndaqq il-marc ghall-ewwel darba f'Awwissu, 1968 fil-festa ta' Santa Marija u ghadu jsir hekk sal-lum. Jirrizulta izda li l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici tressqu l-ewwel darba skont il-ligi fil-konfront tas-socjeta' konvenuta permezz ta' din il-kawza nhar it-30 ta' Settembru, 2010 ghalkemm fir-rikors guramentat tissemma' ittra ufficcjali datata l-istess sena li izda ma gietx ipprezentata kopja taghha. Ghaldaqstant jirrizulta lil din il-Qorti l-pussess skont il-ligi tad-dritt tas-socjeta' konvenuta li ddoqq il-marc 'Letter A' imsemmi 'Tenth Anniversary' u precedentement bhala 'Bonnici Brothers' ghal mill-anqas il-perjodu ta' erbghin (40) sena, ferm aktar mill-perjodu neccessarju fil-ligi. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akwisittiva a favur tas-socjeta' konvenuta tad-dritt li ddoqq il-marc in kwistjoni ghandha tigi milqugha.*

***Preskrizzjoni estintiva kontra s-socjeta' attrici**:*

*... Mill-atti jirrizulta ampjament ippruvat u anki ammess mill-istess Maestro Joseph Sammut li huwa qatt ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex iwaqqaf lis-socjeta' konvenuta milli ddoqq il-marc in kwistjoni lanqas meta fis-sena 1992 huwa ffirma l-iskrittura ta' bejgh mas-socjeta' attrici. Tant hu hekk li huwa nkluda klawzola li dan il-marc ma jindaqqx fil-festa ta' San Gorg, fir-Rabat, Ghawdex appuntu biex ma turtax ruhha s-socjeta' konvenuta li kellha d-dritt li ddoqqu u li hija r-'rivali' tal-festa ta' San Gorg rapprezentata minn banda ohra 'La Stella' stante li din il-festa tigi celebrata fl-istess rahal u cioe' fir-Rabat, Ghawdex. Fl-atti ma giet ipprezentata l-ebda evidenza li s-socjeta' attrici, wara li dahlet fiz-zarbun tal-Maestro Sammut, baghtet xi att li permezz tieghu setghet legalment interrompiet il-preskrizzjoni tant li l-istess rapprezenanti tas-socjeta' attrici ammettew illi kieku ma kienx ghall-mandat tas-sena 2010 huma ma kellhom l-ebda hsieb li jwaqqfu lis-socjeta' Leone milli ddoqq il-marc u qatt ma ttiehdu passi (ara l-fatti kif suesposti). L-ewwel atti ppruvati lil din il-Qorti li jinterrompu l-preskrizzjoni saru permezz ta' din il-kawza stess u jgibu d-data tat-30 ta' Settembru, 2010 u cioe' aktar minn erbghin sena minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni estintiva fis-sena 1968. Jirrizulta ghalhekk li ghandha wkoll tirnexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva mqajjma mis-socjeta' konvenuta kontra s-socjeta' attrici."*

24. L-attriċi ssostni li m'huwiex minnu li l-konvenuta kienet iddoqq il-marċ għall-perjodu kontinwu ta' tletin (30) sena mingħajr interruzzjoni. F'dan ir-rigward għamlet referenza għar-riċerka magħmula minnha fil-bibljoteka Vajringa, ir-Rabat bejn is-sena 1992 u 2000 kif ukoll għall-fatt li d-dokumenti ppreżentati (Dok JA1 sa JA12)[3] isemmu biss is-snin1969, 1972-73, 1981-1989, u 2000 meta ndaqq il-marċ. Issostni li minn dawk id-dokumenti jirriżulta li għal numru ta' snin l-appellata ma daqqitx il-marċ in kwistjoni u għalhekk jonqos l-element tal-kontinwita` għall-perjodu kollu li trid il-liġi għall-akkwist permezz tal-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin (30) sena.

[3] Fol. 79 *et seq*.

25. In kwantu l-konvenuta wieġbet illi l-ilment hu biss kritika tal-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti, issir referenza għal dak li din il-Qorti qalet kemm-il darba:

> *"Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."*[4]

26. Dwar il-meritu l-konvenuta wieġbet illi: (a) hija qieset li kellha dritt iddoqq dan il-marċ sa mill-1968 meta l-Mro. Sammut għaddielha l-partitura oriġinali; (b) il-marċ ingħata isem u saħansitra laqam mill-konvenuta; (ċ) il-marċ hu sinonimu mal-Banda Leone u l-festa ta' Santa Marija organizzata mill-konvenuta kif konfermat mis-surmast tal-attriċi stess fost xhieda oħra; (d) il-marċ ilu jindaqq regolarment minnha għal aktar minn tletin sena kif konfermat minn bosta xhieda u provi oħra dokumentarji filwaqt li d-dokumenti li għalihom tirreferi l-appellanti jirreferu biss għal marċi ġodda bejn l-1992 u s-sena 2000 meta ovvjament dan ma kienx marċ ġdid; u li (e) l-appellanti kienet konxja li l-appellata kellha d-dritt iddoqq dan il-marċ u qatt m'għamlet xejn biex iżżommha.

[4] *Judith Nicola Cordina v. Michael Angelo Cordina*, deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 2021.

27. Il-Qorti tirreferi għal dawn il-fatti:

27.1. Il-Mro. Joseph Sammut kiteb il-marċ 'Bonnici Brothers' fl-1952 meta kien surmast tal-Banda San Ġuzepp, Ħamrun. Skont ftehim mal-Banda San Gużepp, wara erba' snin tahom id-dritt li jdoqqu dan il-marċ (*performing rights*) iżda m'għaddilhomx il-proprjeta`.[5] Il-Banda ta' San Ġużepp issejjaħ dan il-marċ *Bonnici Brothers* għal min iffinanzjah;

27.2. Sussegwentement il-Mro. Sammut mar surmast mal-Banda Leone, Victoria, Għawdex. Dan kien għal ħabta tas-sena 1958.[6] F'għeluq l-għaxar snin mal-konvenuta, huwa ngħata rigal ta' għaxar liri Maltin (Lm10) u sabiex jirreċiproka[7], xi Mejju tal-1968 taha b'donazzjoni d-dritt mhux esklussiv[8] li ddoqq il-marċ in kwistjoni[9] flimkien mal-partitura oriġinali tal-marċ. Il-marċ in kwistjoni ndaqq għall-ewwel darba fil-festa ta' Santa Marija ta' dik is-sena u ngħata l-isem *10th Anniversary*[10] proprju għaliex kien jimmarka għeluq l-għaxar snin tal-Mro. Sammut mal-Banda Leone.[11] Informalment kien jissejjaħ ukoll *Letter A*;

---

[5] Fol. 104.
[6] Fol. 66.
[7] Fol. 19.
[8] Fol. 74.
[9] Fol. 67, 104, 106. Is-surmast Joseph Sammut għamilha ċara li kull ma taha lill-konvenuta kien *".... il-permess biex iddoqqu dan il-marċ, xejn iktar, fiż-żmien li kont Surmast...... Nerġa ntenni illi meta fis-sixty eight (68) tajthom il-marċ ma biegħhejtx id-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marċ, hemm x'hemm iddikjarat fil-kuntratt li ffirmajna għand in-Nutar Hili......"*.
[10] Fol. 68.
[11] Fol. 19, 67.

27.3. Joseph Apap, segretarju tal-konvenuta meta xehed,[12] qal li dak iż-żmien kien bandist mal-istess soċjeta` u li l-marċ reġa' ndaqq b'talba ġenerali fl-1969 kif jirriżulta minn Dok. JA1 a fol. 79. Minn hemm sar sinonimu mal-festa ta' Santa Marija u kien jindaqq matul it-tlitt ijiem tal-festa fil-marċijiet brijużi. Kien jingħata wkoll lill-baned li jkunu mistiedna hekk kif fil-fatt ingħata lill-banda tal- attriċi fil-1969.[13] L-istess xhud ippreżenta wkoll: (i) *leaflets* li ħarġet l-*Aurora Youth Movement* fl-1972 u 1973 fejn ġie ppubblikat kliem sabiex jitkanta mal-mużika tal-marċ in kwistjoni[14]; (ii) il-programm tal-festa għas-snin 1974[15], 1980 sas-sena 1986[16] u tas-sena 1988[17] fejn jirriżulta li l-marċ in kwistjoni indaqq b'talba ġenerali; u (iii) kopji tal-qoxra ta' *casettes* tal-marċi li ndaqqew mill-Banda Leone fl-1984, fl-1986, fl-1987, fl-1989 u fis-sena 2000 li lkoll jinkludu l-marċ in kwistjoni.[18] Tenna li dan il-marċ huwa sinonimu mal-Festa ta' Santa Marija;[19]

27.4. Il-Mro. Joseph Sammut dam surmast tal-Għaqda Filarmonika Leone sal-1991.[20] Sussegwentement fid-29 ta' Jannar 1992 iffirma ftehim mal-attriċi li bih biegħ il-marċ brijuż in kwistjoni bil-

[12] Seduta tat-18 ta' Frar 2011 (fol. 65).
[13] Dok JA2 a fol. 80.
[14] Dok JA3 – Dok JA4 a fol. 81 – 86.
[15] Dok JA 11 a fol. 99 – 100.
[16] Dok. JA5 a fol. 87 *et seq*.
[17] Dok JA 10 a fol. 98.
[18] Dok JA6 u JA9 a fol. 94 – 97.
[19] Fol. 78.
[20] Fol. 19.

kondizzjoni li l-marċ ma jindaqqx fil-festa ta' San Ġorġ f'Għawdex u ma jkunx jista' jqassmu f'Għawdex lil ħaddieħor;[21]

27.5. Dan ġie kkonfermat minn Peter Paul Portelli, li kien il-firmatarju fuq l-istess ftehim u deher għall-attriċi.[22] Dan ix-xhud qal ukoll li Joseph Grech, li dak iż-żmien kien l-assistent surmast banda Leone, kien infurmah li l-Mro. Sammut kien waqqaf lill-banda milli ddoqq il-marċ. Dan iżda ġie miċħud mill-Mro. Sammut li xehed (seduta 3 ta' Marzu 2010) li qatt ma waqqaf lill-konvenuta milli ddoqq dak il-marċ.[23] Tant hu hekk li fl-istess ftehim impona kundizzjoni li l-attriċi ma ddoqqx il-marċ fil-festa ta' San Ġorġ[24] minħabba r-rivalità bejn din tal-aħħar u l-konvenuta kif ikkonferma Peter Paul Portelli.[25] F'kull każ, dan tal-aħħar xehed li minn dak il-perjodu 'l quddiem il-Banda Leone għamlet żmien twil ma ddoqqx il-marċ f'Santa Marija;

27.6. Dan jgħidu wkoll James Buttigieg,[26] il-president tal-appellanti, li kull sena jmur għall-festa ta' Santa Marija sabiex josserva xi jkun qed jagħmel ħaddieħor. Ippreżenta wkoll riċerka li għamel fil-Bibljoteka Vajringa, ir-Rabat Għawdex dwar il-pubblikazzjonijiet li ħarġet il-konvenuta mill-1992 sas-sena 2000 li mkien ma jindikaw li kien jindaqq

[21] Fol. 6.
[22] Fol. 22.
[23] Fol. 105.
[24] Fol. 6.
[25] Fol. 23.
[26] Fol. 25 *et seq*.

il-marċ *de quo.*[27] Huwa minnu li wħud minn dawn il-pubblikazzjonijiet jelenkaw prinċipalment il-marċi ġodda, u l-marċ in kwistjoni ma kienx ġdid. Iżda fejn kien se jindaqq xi marċ mhux ġdid, l-istess pubblikazzjoni fiha notament li ser jindaqq dak il-marċ fuq talba ġenerali. Hekk ġara fis-snin 1991[28], 1994[29] u 1995[30]. Fis-snin 1992[31], 1996[32], 1997[33], 1998[34] ġew elenkati l-marċi b'mod ġenerali rrispettivament kinux ġodda jew le. Għalkemm hemm referenza għal dawk il-marċi li kienu ser jindaqqu fuq talba ġenerali, il-marċ in kwistjoni ma kienx wieħed minnhom. Fl-1993 għalkemm il-pubblikazzjoni tirreferi għal '*marċi ġodda'* fil-lista jinsab ukoll il-marċ Aurora li kien ilu jindaqq mill-anqas mill-1980.[35] Il-marċ in kwisjtoni lanqas ma jidher li ndaqq fis-sena 1999.[36] Madanakollu, in kontro-eżami dan ix-xhud ikkonferma li l-istess marċ indaqq mill-appellata fl-aħħar erba' snin – ossija mill-2006 sal- 2010 u li kieku fis-sena 2010 l-appellata ma ppreżentatx rikors għall-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontriha, il-konvenuta ma kellhiex ħsieb li twaqqaf id-daqq tal-marċ.[37]

27.7. Joseph Grech, surmast tal-attriċi mill-1992, ikkonferma li l-marċ kien żgur jindaqq mill-konvenuta fl-1978 għaliex dak iż-żmien

[27] Dok. JB2 a fol. 29 *et seq.*
[28] Fol. 30.
[29] Fol. 33.
[30] Fol. 34.
[31] Fol. 31.
[32] Fol. 35.
[33] Fol. 36.
[34] Fol. 37.
[35] Fol. 87.
[36] Fol. 38.
[37] Fol. 27.

huwa kien bandist magħha. Qal ukoll li fiż-żmien li kien parti mill-Banda Leone l-marċ kien jindaqq fil-festa u li kien wieħed mill-aktar marċi popolari fost il-membri[38] tant li għal Għawdex kien sinonimu mal-Banda Leone.[39]

28. Minn dawn il-fatti l-Qorti tikkonkludi li għalkemm il-marċ in kwistjoni kien tassew popolari u sinonimu mal-konvenuta bejn is-sena 1968 sal-bidu tad- disgħinijiet, wara li l-Mro. Sammut ma' baqax surmast il-provi juru li x'aktarx il-marċ ma baqax jindaqq.

29. Dan apparti li meta l-marċ kien jindaqq waqt il-festa ta' Santa Marija, kien bil-kunsens u pjaċir tal-Mro. Sammut. Il-konvenuta ma spjegatx kif setgħet takkwista bil-preskrizzjoni akkwiżittiva meta tqis dak li jipprovdi l-Art. 2121(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16). Ma jirriżultax li mis-sena 1968 sakemm il-Mro. Sammut baqa' mal-konvenuta, inbidel xi ħaġa fl-arranġament li l-konvenuta kellha mal-Mro. Sammut (Art. 2121(2) tal-Kodiċi Ċivili). Imbagħad fl-1992 biegħ il-marċ lill-attriċi u kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tad-29 ta' Mejju 2015 b'dak li sar *"9....... l-attriċi kienet qiegħda tikseb il-jeddijiet kollha fuq il-komposizzjoni ħlief dawk li espressament kienu esklużi"*. Minn dak iż-żmien żgur li m'għaddewx tletin sena.

---

38 Fol. 54.
39 Fol. 55.

30. Għaldaqstant, l-attriċi għandha raġun li l-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin (30) sena ma tirriżultax fir-rigward tad-daqq tal-marċ in kwistjoni.

31. Billi l-konvenuta ma akkwistatx bil-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin (30) sena xi jedd li ddoqq il-marċ 'Letter A' għal xi żmien determinat jew indefinit u l-attriċi hi s-sid tal-marċ, l-eċċezzjoni ma tistax tirnexxi wkoll fir-rigward tal-preskrizzjoni estintiva taħt l-Art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

32. Għaldaqstant, tilqa' t-tielet aggravju tal-attriċi.

<u>Appell inċidentali tal-konvenuta.</u>

33. L-appell inċidentali tal-konvenuta hu b'referenza għall-ħames eċċezzjoni li titratta dwar l-Art. 9(1)(g) tal-Kap. 415. Fis-sentenza appellata intqal:

> *"**L-eccezzjoni ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap. 415**:*
>
> *Illi in vista tal-konkluzjonijiet suesposti ta' din il-Qorti, jista' jinghad li decizjoni dwar din l-eccezzjoni hija biss wahda akkademika izda din il-Qorti ser tgharbel u tiddeciedi l-istess sabiex jigi evitat dak li gia sehh f'din il-kawza u cioe' li f'kaz li d-decizjoni tmur ghall-appell terga' tinqala' l-kwistjoni dwar id-dritt tad-doppio esame reklamat mis-socjeta' konvenuta fi stadju ta' appell.*
>
> *Illi l-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta taqra kif isegwi:*
>
> *5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-pura grazzja tal-argument wiehed kellu jikkoncedi li s-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja tal-marc in kwistjoni u per konsegwenza tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marc, tali drittijiet tal-awtur ma jipprekludux lis-socjeta' intimata milli ddoqq dan il-marc fil-pubbliku. Dan ghar-raguni li fit-termini tal-artikolu 9(1)(g) tal-Kap 415, id-drittijiet tal-awtur ma jinkludux il-projbizzjoni tat-twettiq, daqq jew wiri ta'*

*xoghol f'post fejn ma jithallas ebda dritt ta' dhul ghal dan l-att minn xi club li l-iskop tieghu ma jkunx li jaghmel qliegh.'*

*Is-socjeta' attrici sabiex tirribatti ghal din l-eccezzjoni ssostni li huwa l-artikolu stess kwotat mis-socjeta' konvenuta li jeskludi l-possibilita' li s-socjeta' attrici ddoqq dan il-marc fil-pubbliku minghajr ebda restrizzjoni.*

*Illi bl-argument tas-socjeta' konvenuta, kull banda ghandha d-dritt li ddoqq kull marc fil-pubbliku rrilevantament mill-fatt jew le nghatatx id-dritt li ddoqqu jew jekk xtratux. Certament tali agrument kieku kellu jigi validat ipoggi s-sistema ta' kif jindaqqu, jinxtraw eccetera l- marcijiet kif anki spjegata fl-atti tisfuma fix-xejn.*

*Illi l-artikolu li qed issir referenza ghalih mis-socjeta' konvenuta jaqra kif isegwi:*

> *"9. (1) Id-drittijiet tal-awtur f'xoghol awdjoviziv, database, xoghol letterarju hlief fil-kaz ta' program tal-computer, xoghol muzikali jew artistiku ma ghandux jinkludi d-dritt ta' awtorizzazjoni jew projbizzjoni:*
>
> *...............*
>
> *(g) it-twettieq, daqq jew wiri ta' xoghol f'post fejn ma jithallas ebda dritt ta' dhul ghal dan l-att minn xi club li l-iskop tieghu ma jkunx li jaghmel qliegh;"*

*Illi l-artikolu 2 tal-istess Kap. 415 jiddeskrivi xoghol muzikali kif isegwi:*

> *'"xoghol muzikali" tfisser kull xoghol muzikali, irrispettivament mill-kwalita' muzikali, u tinkludi xoghlijiet komposti ghall-akkompanjament muzikali.'*

*Illi minn kliem l-artikolu 9 huwa car li xoghol muzikali huwa eskluz mil-limitazzjoni mposta fuq id-drittijiet tal-awtur fosthom dik tas- sub-artikolu g. Fil-kaz odjern il-marc in kwistjoni ma hemmx dubju li jikkwalifika bhala 'xoghol muzikali' fid-definizzjoni hawn fuq ikkwotata u huwa eskluz mill-ezenzjoni fl-artikolu 9, ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma tistax tistrieh fuq l-artikolu 9 tal-Kap. 415 bhal eccezzjoni favur li hija tista' ddoqq il-marc fil-pubbliku minghajr ebda restrizzjoni. Din l-eccezzjoni ghalhekk jisthoqq li tigi michuda".*

34. Is-soċjeta` konvenuta ssostni li l-interpretazzjoni legali mogħtija mill-ewwel Qorti tal-Artikolu 9(1)(g) tal-Kap. 415 m'hijiex korretta. Tgħid illi kieku verament il-leġislatur ried illi xogħol mużikali ma jkunx kolpit bil-

limitazzjonijiet imposti fuq id-drittijiet tal-awtur, huwa ma kien sejjer qatt juża l-kelma daqq fil-paragrafu (g) tal-istess artikolu. Tikkontendi li l-kelma '*ħlief*' fl-Artikolu 9(1) teskludi biss mill-kappa tal-limitazzjonijiet imposti fuq id-drittijiet tal-awtur programmi ta' *computer*. Tinsisti għalhekk li f'kull każ hija għandha d-dritt teżegwixxi dan il-marċ.

35. Mill-atti ma jirriżultax li l-attriċi wieġbet għalkemm notifikata bl-appell inċidentali.

36. L-awtorizzazzjoni jew projbizzjoni ta' daqq ta' xogħol mużikali hu wieħed mill-jeddijiet li għandha l-persuna li għandha d-drittijiet tal-awtur fix-xogħol mużikali (ara Art. 7 tal-Kap. 415). B'dak li sar fl-1992 id-drittijiet tal-awtur tal-marċ għadda għand l-attriċi.

37. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi kienet argumentat li x-xogħol meritu tal-kawża jaqa' taħt id-definizzjoni tal-kliem 'xogħol mużikali' (Art. 2 tal-Kap. 415). Il-konvenuta taqbel. L-attriċi ssostni li l-kliem *"ħlief fil-każ"* f'Art. 9(1) tapplika wkoll għal xogħol mużikali.

38. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-kliem *"ħlief fil-każ"* f'Art. 9(1) qegħdin jirreferu biss għal *'program tal-computer'* li ovvjament hu xogħol letterarju. Il-kliem li uża l-leġislatur m'huwiex *"ħlief fil-każijiet"*. Dan apparti li kieku

l-leġislatur ma riedx li dik l-eċċezzjoni tapplika għal xogħol mużikali jew artistiku, ma kienx jinkludihom f'dak is-subinċiż.

39. L-Art. 9(1)(g) jagħmilha ċara li fejn *"(g) it-twettiq, daqq jew wiri ta' xogħol ......"* isir f'post fejn ma jitħallasx dritt ta' dħul għal dak l-att minn xi klabb li ma jkollux l-iskop li jagħmel qliegħ, allura d-drittijiet tal-awtur ma jinkludux ir-regola ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni.

40. Il-konvenuta hi klabb tal-banda. Ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni li l-iskop tal-klabb m'huwiex li tagħmel qligħ tant hu hekk li fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi m'għamlet l-ebda kumment f'dak ir-rigward.

41. Madankollu jidher li l-konvenuta ma tatx każ li fl-istess disposizzjoni hemm subinċiż (3) li jipprovdi:

> *"(3) L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom f'dan l-artikolu għandhom jiġu biss applikati f'dawk il-każijiet partikolari li ma jmorrux kuntrarju mal-esplojtazzjoni normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u li ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detentur ta' drittijiet".*

42. Il-konvenuta ma ressqet l-ebda argumenti f'dan ir-rigward u wisq inqas provi. Ir-realta` hi li jekk il-konvenuta tibqa' ddoqq il-marċ fil-festa ta' Santa Marija, Victoria, Għawdex dan ser iwassal għal telf fi dħul li tista' tagħmel l-attriċi li kieku l-konvenuta titlobha l-permess sabiex iddoqq il-

marċ fil-festa ta' Santa Marija jew festi oħra li fihom il-banda tipparteċipa f'Għawdex.

43. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju tal-konvenuta.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad l-ewwel aggravju.
2. Tilqa' t-tieni aggravju sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Lulju 2016 u filwaqt li tħassar it-tielet paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza, tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta.
3. Tiċħad l-appell inċidentali.

Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali a karigu tal-konvenuta.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
gr